MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Numru 22/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Carmel Vella**

(Att ta' Akkuza 22/2009)

Illum, 8 ta' April 2010

**Il-Qorti:**

Din hi sentenza dwar l-eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` ta' provi sollevati mill-akkuzat bin-nota tieghu prezentata fis-17 ta' Lulju 2009.

**1.** Permezz tal-Att ta' l-Akkuza nru 22 tal-2009, l-Avukat Generali akkuza lil Carmel Vella b'tentattiv ta' omicidju, u cioe` talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Carmel Xerri jew li jqieghed il-hajja tieghu f'perikolu car,

wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tal-istess Vella. Dan l-incident, skond l-Att ta' l-Akkuza, sehh fit-28 ta' April 2007.

**2.** L-eccezzjonijiet sollevati mill-akkuzat gew trattati fl-udjenza tad-29 ta' Jannar 2010 mill-abbili difensur tieghu, l-Avukat Dott. Stephen Tonna Lowell, kif ukoll mill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara. In-nota tas-17 ta' Lulju 2009 fiha erba' eccezzjonijiet, izda fl-udjenza msemmija l-akkuzat, tramite d-difensur tieghu, irtira it-tieni parti tal-ewwel eccezzjoni, kif ukoll it-tielet u r-raba' eccezzjoni, b'mod ghalhekk li ghad fadal x'jigu decizi biss **l-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni u t-tieni eccezzjoni**. Dawn ser jigu kkunsidrati *seriatim*.

**3.** L-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni tghid hekk: "L-inammissibilita` tax-xiehda ta' Dottor Mario Scerri li tinsab a fol. 54 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni peress li t-traskrizzjoni taghha ma hijiex iffirmata mill-Magistrat…". Bhala fatt, jekk wiehed jara fol. 54, fejn hemm id-deposizzjoni tal-imsemmi Tabib meta huwa pprezenta r-rapport tieghu, isib li hemm id-dikjarazzjoni tat-traskrittur li ttraskriva dak li gie registrat fuq it-*tape* izda ma hemmx il-firma tal-Magistrat li kienet qed tikkonduci l-istruttorja. Issa, din il-Qorti hi konxja minn diversi sentenzi li rritenew li meta d-deposizzjoni ta' xhud ma tkunx iffirmata mill-Magistrat, allura dik id-deposizzjoni hija inammissibbli, fis-sens li ma tistax, per ezempju, tinqara f'kaz li xhud ikun mejjet, imsiefer jew ma jkunx jista' jinstab, u anqas ma tista' tintuza bhala forma ta' kontroll fil-kors tal-ezami jew kontro-ezami tax-xhud. Din il-Qorti, pero`, kif illum presjeduta, hi tal-fehma li dawn is-sentenzi huma korretti biss in kwantu jirreferu ghal meta x-xiehda tittiehed bil-mod kif indikat fl-Artikolu 390(1) tal-Kap. 9 – "Kollox ghandu jitnizzel bil-miktub" – u cioe` ghal meta l-Magistrat jisma' x-xhud u dak il-hin inizzel bil-miktub dak li x-xhud ikun qal – izda ma humiex korretti meta d-deposizzjoni tax-xhud tkun ittiehdet skond id-disposizzjonijiet tal-Att XVI tal-1980 (illum Kap. 284). In fatti l-iskop ta' l-Artikolu 395 – li, tajjeb li wiehed jghid, l-ahhar li gie emendat kien

bl-*Order in Council* ta' l-1899 – hu li jawtentika li dak li tnizzel hu verament dak li jkun qal ix-xhud. Din hi l-istess forma ta' awtentikazzjoni jew certifikazzjoni li, per ezempju, jirrikjedu d-dokumenti skond l-Artikolu 396. Pero` l-legislatur, fl-1980, biddel radikalment is-sistema. Skond l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap. 284, id-deposizzjonijiet jew is-sustanza taghhom jistghu jittiehdu ossia jigu registrati b'mezzi elettro-manjetici (u fil-kaz in dizamina, il-Qorti Istruttorja hekk ordnat li jsir – ara fol. 7 tal-atti). Meta jsir hekk, l-awtentikazzjoni tat-traskrizzjoni (li tista' tkun bl-idejn jew xort'ohra kif jordna r-Registratur), jigifieri li x-xhud verament qal hekk – jew li verament is-sustanza tax-xiehda giet hekk dettata mill-Magistrat – issir mit-traskrittur skond is-subartikolu (4) tal-Artikolu 3. F'dan il-kaz din l-awtentikazzjoni tezisti fil-forma tad-dikjarazzjoni maghmula mit-traskrittur Anthony Mizzi u minnu ffirmata (ara fol. 54 *in calce*). Tajjeb li jigi osservat ukoll li kemm l-Artikolu 3 kif ukoll l-Artikolu 4 tal-Kap. 284 jitkellmu car u tond "Minkejja kull disposizzjoni f'xi ligi ohra…" u "Minkejja d-disposizzjonijiet...ta' kull ligi ohra…" (sottolinear ta' din il-Qorti). Dan jindika li l-legislatur ma kienx qed jintrabat ma' xi forma sagramentali ta' awtentikazzjoni ezistenti f'ligijiet ohra meta si tratta ta' traskrizzjonijiet ta' deposizzjonijiet registrati b'mezzi elettro-manjetici; u fejn kien hemm bzonn li wiehed jispecifika xi procedura specjali – bhalma sar fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 284 b'referenza ghall-qari tat-traskrizzjoni lix-xhud (ara, per ezempju, l-Artikolu 390(6)[1] tal-Kap. 9) – b'deroga ta' procedura specjali ohra, dan sar. Fil-kaz in dizamina ma hux qed jigi eccepit li dak li hemm a fol. 54, jew xi haga minnu, mhux veru nghad mix-xhud Dott. Scerri. Kullma qed jillanja minnu l-akkuzat huwa dak li jqis bhala l-awtentikazzjoni formali ta' dak li nghad – haga li, kif rajna, hi f'dan il-kaz regolata bis-subartikolu (4) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 284. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**4.** It-tieni eccezzjoni taqra hekk: "Minghajr pregudizzju ghall-generalita` ta' l-ewwel eccezzjoni, l-inammissibilita` ta' l-imsemmija relazzjoni [a fol. 55 *et seq.*] ta' Dottor

[1] Dan is-subartikolu gie introdott bl-Att XIII tal-1980, mentri dak li llum huwa l-Kap. 284 dahal fis-sehh bl-Att XVI tal-istess sena.

Mario Scerri in kwantu l-konkluzzjonijiet minnu raggunti huma konsegwenza ta' ezami li jmur ben oltre n-nomina moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u huma bazati esklussivament fuq informazzjoni li ma tiffurmax parti mill-atti processwali." Issa, f'dan il-kaz Dottor Scerri kien gie nominat mill-Qorti Istruttorja (ara fol. 40 tal-atti) "…bhala espert mediku sabiex wara li jezamina l-atti tal-kawza, jaghmel rapport jekk id-daqqa fuq ir-ras ta' Carmel Xerri kienetx tali li poggiet il-hajja tieghu f'perikolu car." "Il-Qorti qeghda tordna," jkompli d-digriet, "li ghall-ezami mediku li jsir mill-espert fuq Carmel Xerri ghandu jkun prezenti l-imputat u d-difensur tieghu." Issa, apparti mill-generalita` ta' dak li jipprovdi l-paragrafu (c) tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 436 tal-Kap. 9 – diskrezzjoni li tithalla f'idejn l-Imhallef li jkun qed jippresjedi l-Qorti Kriminali ghar-ricerka tal-verita` fir-rispett tad-drittijiet tal-partijiet – huwa evidenti li meta espert mediku jigi nominat biex jaghti opinjoni medika huwa ghandu jaghti opinjoni infurmata u studjata sew, u mhux ibbazata fuq informazzjoni parzjali jew billi wiehed iwiegeb semplicement "iva" jew "le", ghax altrimenti l-iskop kollu tan-nomina ta' espert jigi vanifikat. Huwa evidenti li biex tinghata opinjoni medika bhalma gie mitlub jaghti l-imsemmi tabib, huwa kellu jezamina anke l-kartelli klinici u d-dokumenti tal-isptar. Fin-nomina jissemmew specifikatament "l-atti tal-kawza" ghax, minghajr tali awtorizzazzjoni, dawn ma jkunux disponibbli ghall-espert li jkun. Iz-zewg dokumenti principali li ezamina Dottor Scerri u li ma humiex fl-atti, cioe` l-*X-Rays* u s-*CT Scan* li ttiehdu fl-isptar San Luqa (ara fol. 62 tal-atti), jistghu dejjem – b'analogija ma' dak li jipprovdi s-subartikolu (3) tal-Artikolu 653 tal-Kap. 9 – jigu prodotti biex jarawhom il-gurati jekk issir talba f'dan is-sens minn parti jew ohra fil-kors tal-guri. U hekk ukoll tista', jekk ikun il-kaz, tigi prodotta Dott. Johanna Van't Verlaat. B'dana kollu, pero`, il-fatt li Dottor Scerri wettaq l-inkarigu tieghu skond ma titlob il-professjoni u s-sengha tieghu (Art. 653(1) tal-Kap. 9) u mhux skond kif parti jew ohra tkun tixtieq li huwa jwettqu, ma jirrendix ir-relazzjoni tal-istess espert inammissibbli kif qed jippretendi l-akkuzat. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**5.** Ghall-motivi premessi tirrespingi l-ewwel parti tal-ewwel eccezzjoni kif ukoll it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat, u tordna l-prosegwiment tal-kaz. Tordna wkoll li l-akkuzat jerga’ jitqieghed, ghal dak li hu helsien mill-arrest fil-pendenza tal-proceduri, fl-istess posizzjoni li kien fiha minnufih qabel ma ddahhal fl-izbarra llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------